MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Numru. 1128/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**KONTRA**

**RAYMOND DEBONO ta’ 56 sena, iben Joseph u Doris nee’ Gaunt, imwieled Tas-Sliema nhar it-28 ta’ April, 1956, residenti fil-fond 34, Annunciation Street, Sliema, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 326146M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Raymond Debono** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-4 ta’ Lulju, 2005, u fiz-zminijiet ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex inqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm11,000.00 bi hsara ta’ Brian Agius u Joseph Grech;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, ghamel qliegh ta’ Lm11,000.00 b’qerq bi hsara ta’ Brian Agius u Joseph Grech;

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ Lm11,000.00, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema skondtu tista’ tinstab htija, u cioe’:

a. Fl-Artikoli 18, 308, 309, 310, u 293 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li moqrija l-Artikoli, l-imputat wiegeb illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok ghandu jingahd illi l-istqarrija ta’ l-imputat li giet mehuda fl-annu 2005, ittiehdet minghajr dritt ta’

assistenza legali. In kwantu hekk, fuq skorta ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti u dawk Kostituzzjonali, din il-Qorti tqis illi m'ghandhiex ittiha valur probatorju jekk ma jkunx l-istess imputat li jaghzel illi juza l-istess in difesa.

Semghet ix-xhieda ta' certu Brian Agius li bil-gurament spjega li kien cempillu l-imputat li kien jafu, li kellu hanut tal-mobiles. Cempillu u qallu li kellu bzonn jkellmu. Qallu meta ltaqghu li kellu bzonn xi flus biex johrog container. Qal illi ma tahx risposta mill-ewwel ghax ried jistaqsi lil martu. Talbu Lm6,000.00. Ghamlu anke skrittura bl-Avukat, ghamlu kambjala, Dok B folio 15. Fuq parir ta' l-Avukat ghamlu kambjala ghal xahar. Xehed illi anke siehbu Joseph Grech sellef il-flus lill-imputat, u anke f'dan il-kaz saret kambjala. Spjega li meta ghadda x-xahar baqa' ma tahx il-flus. Qal illi hu qatt ma ndaga fuq il-container. Xehed illi fi zmien ta' ftit xhur hallsu lura biss is-somma ta' Lm230.00. Qal dwar il-flus illi hu (cioe' l-imputat) dejjem sab skuza biex ma jaghtihx lura l-flus.

Brian Agius in kontro ezami kkonferma li hu kien jaf lil Raymond Debono minn meta xtara xi mobiles minghandu. Sar jafu tminn xhur qabel il-kawza (folio 84). Qal illi minghand l-imputat kien xtara zewg mobiles u li ma kienx klijent komuni tieghu. Mistoqsi kienx jaf lil Debono x'imkien iehor wiegeb illi "Le lanqas qatt." (folio 83).
Innega li lill-imputat kien jafu oltre n-negozju tal-hanut. Mistoqsi allura kif sellef flus lil bniedem li kien ilu jafu biss tminn xhur qabel u li kien xtara minghandu zewg mobiles, wiegeb illi dan kien cempillu u qallu biex ikellmu u talbu meta ltaqghu li jsellfu flus biex johrog container li kien mizmum mid-Dwana. Zied illi hu lil dan ghamillu pjacir.

Xehed ukoll Joseph Grech li qal illi hu kien jaf lill-imputat ghax kien xtara (flimkien ma' siehbu) mobile minghandu. Siehbu kien Brian Agius. Qal illi kien cemplilhom l-imputat li ried ikellimhom u talabhom flus fuq xi container, flus li ried ghal ghaxart ijiem. Qal illi Raymond Debono ried juza u jmur ghand l-Avukat tieghu. Hemm ghamlu kambjala. Qal illi hu sellfu Lm5,000.00. Zied illi Debono kien cempillu xi tliet darbiet li ried il-flus malajr, dejjem ghall-container.

Zied illi Debono kien qallhom li kien ser jaghtihomlhom fi zmien ghaxart ijiem. Xehed ukoll illi kien jaf li l-imputat kellu negozju tal-mobiles, pero ma kienx jaf dan il-container x'kien fih.
Xehed ukoll illi hu minghand l-imputat kien ircieva lura biss is-somma ta' Lm460.00 u dan bi glied.

In kontro ezami xehed illi ltaqa' ma' l-imputat meta mar jixtri xi mobiles minghandu, mar hu u Brian Agius. Kien wara li talabhom il-flus - xi sitt xhur wara li marru jixtru. Qal ukoll in kontro ezami li minn meta mar jixtri minghandu sakemm talabhom il-flus, sakemm talbu l-flus qatt ma rega' rah (folio 78).
Dwar Brian Agius qal illi kien habib tieghu hafna. Innega li hu kien jaf lil Brian Agius fil-konfront ta' self ta' flus.
Ikkonferma li hu kien ghadda lill-imputat is-somma ta' Lm5,000.00. Hallsu lura skondtu Lm350.00 jew Lm450.00.
Ikkonferma li Raymond Debono ried il-flus biex johrog container. Qal ukoll illi dwar is-self ta' flus l-ewwel cempillu Brian Agius.
Qal ukoll illi qabel ma ghamlu dan il-pass, hu u siehbu kienu cemplu lill-Avukat tieghu pero l-imputat ried juza l-Avukat tieghu.

L-imputat ghazel illi jixhed minn jeddu. Qal illi hu kien jaf lill-parte civile bhala wiehed Brian u l-iehor Joe l-Bambinu. Xehed illi hu lil Brian kien ilu jafu tul ta' zmien – snin, circa hames snin. Qal illi hu kien jghinu fix-xoghol tal-hanut bhala li jkollu bzonn il-flus u jgibhomlu. Xehed illi kien hemm zmien fejn anke kellu jaghtih bejn Lm2,000.00 u Lm3,000.00 minhabba li x-xoghol kien sejjer hazin. Qal illi Brian kien stenna biex jithallas, li fehmu. Spjega li hu kellu zewg hwienet tal-mobiles, jixtri u jsewwi u jbiegh. Qal illi dan Brian kien ghenu kemm-il darba sakemm sab lil Joe l-Bambinu. Xehed illi darba minnhom kien talbu flus ghax kien hemm agent li jekk kien ihallsu l-bilanc li kien baqaghlu kien jerga' jaghtih ix-xoghol u jimla l-hwienet. Kien hawn li Brian kien qallu li ma kellux, u li pero kien ser ikellimlu habib. Ghalhekk kien iltaqa' mal-Bambinu hdejn id-dar tieghu San Gwann, u kien qallu dan li kien lest jaghih Lm2,000.00. Qal illi fi zmien jumejn kien tah

Lm1,000.00. Qal illi suppost tahomlu wara xahar, pero xorta beda jaghtih Lm200.00 u Lm300.00. Qal illi meta ghadda certu zmien dan beda jirrabja u jghidlu li ried il-flus kollha f'daqqa. Qal umbaghad li anke beda jcempillu Brian Agius. Xehed illi ghall-bidu kien qieghed izomm pagament fix-xahar. Qal illi meta ma setax u kien jiehu xi pagament lill-Bambinu, dan kien jaghmillu xeni, jiddendel mal-karozza u anke marlu d-dar. Qal illi kien biss il-Bambinu li ghamillu pressure. Beda anke jghollilu fuq Lm3,000.00 li kellu jaghtih. Kien minhabba dan il-pressure li kien accetta li jaghmel karta bl-Avukat.
Innega li hu qatt tkellem maghhom fuq xi container. Qal illi hu ried il-flus biex ihallas lill-agent biex dan jerga' jissuplixxieh bil-mobiles. Qal illi b'container mobiles kien jimla aktar miz-zewg hwienet tieghu u li ried aktar minn Lm3,000.00 ghal dan.
Spjega wkoll illi hu kien jinnegozja l-mobiles, cioe' jixtri minghand certu David Coleiro, anke li kien jinnegozja mal-Go Mobile u mal-Vodafone.

Xehed in difesa wkoll Mario Abela. Qal dan illi hu kien jaf lill-imputat bhala wiehed li kien ibiegh il-mobiles, almenu ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Anke dan xehed illi lilu kien jaghtih il-flus biex jixtri l-mobiles, u ta' dan lilu kien jaghtih xi haga mill-profit. Dan ma' l-imputat qal illi ghamlu ghal aktar minn darba, anzi xehed illi ta' spiss. Xehed illi kien jaf lil Brian Agius ghax dan kien mizzewweg lil oht il-mara tieghu. Qal illi f'okkazjoni minnhom l-imputat kien avvicinah ghall-flus, kif kien jaghmel, pero ghax f'dak il-mument partikolari ma setax jghinu, laqqghu ma' Brian Agius. Ikkonferma li Debono dejjem tah flusu lura, u li l-pendenzi bejniethom kienu zghar. Ikkonferma li hu lil Agius kien qallu x'kien qieghed jaghmel ma' l-imputat.

Ikkunsidrat:

Ili verament ingabu provi ohra mill-Prosekuzzjoni, li pero ma jincidu xejn fuq id-determinazzjoni tal-mertu. Illi din il-Qorti hija mistiedna li temmen zewg xhieda li sellfu somma ta' flus konsiderevoli lill-imputat, wara li dawn iltaqghu mieghu darba biss biex jixtru minghandu zewg mobiles. Skondthom daqshekk biss kienu ilhom jafuh.

Dan mhux dak li qal fil-fatt l-imputat, li ghazel illi jiehu l-pedana fejn xehed illi kien ilu jaf lil Agius u kien ilu jissellef minghandu ghal hames snin, u talli kien jaqdieh hekk, mieghu kien jaqsam il-profit. Frankament din il-verzjoni aktar taghmel sens, li allura Agius rega' sellef il-flus lill-imputat u dahhal fin-negozju anke lil Joseph Grech li skond l-imputat beda jitolbu aktar milli jmissu - hawn bi hjiel ta' uzura.

Illi anke xhud prodott mid-Difiza, certu Mario Abela, ikkonferma dak li qal l-imputat, u cioe' li dan kien jissellef il-flus minghandu u ta' dan bhala kumpens, mieghu jaqsam il-profit tac-cellulari li kien ibiegh.

Tenut dan kollu premess, din il-Qorti xejn ma ssib il-verzjoni ta' Joseph Grech u Brian Agius bhala wahda ghal kollox veritjiera, b'mod partikolari fejn huma pproponew is-self ta' flus minhabba container bil-possibbilta' li jahbu profitti lleciti li kienu qed jippercepixxu minghand l-imputat.

Qieset ukoll per parentesi li ebda nota tal-parte civile ma giet prezentata lilha kif hekk awtorizzata wara li semghet it-trattazzjoni.

Illi tenut dan kollu premess, qieghda tillibera lil Raymond Debono mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu, u tordna lill-pulizija tinvestiga aktar fil-fond dak li jista' jkun il-vera motiv tar-rapport li wassal ghall-akkuzi in dezamina.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------